32005D0954

29.12.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 346/31

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Diċembru 2005

## dwar emenda għall-Ftehim li Jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD), li tippermetti lill-Bank jiffinanzja operazzjonijiet fil-Mongolja

(2005/954/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 181a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Għalkemm ilha membru ta' l-EBRD mill-2000, il-Mongolja mhix attwalment pajjiż fejn il-Bank huwa awtorizzat iwettaq operazzjonijiet bir-riżorsi tiegħu stess.

(2) Bi tweġiba għat-talba tal-Prim Ministru tal-Mongolja, il-Bord tad-Diretturi ta' l-EBRD esprima appoġġ unanimu biex il-Mongolja tiġi ammessa bħala pajjiż ta' operazzjonijiet tal-Bank.

(3) B'Riżoluzzjoni adottata fit-30 ta' Jannar 2004, il-Bord tal-Gvernaturi ta' l-EBRD ivvota favur l-emenda meħtieġa għall-Ftehim li Jistabbilixxi l-Bank, li tippemettilu jiffinanzja operazzjonijiet fil-Mongolja. Il-Gvernaturi kollha tal-Bank ivvutaw favur din l-emenda, inkluż il-Gvernatur li jirrappreżenta lill-Komunità Ewropea.

(4) Peress li l-emenda tikkonċerna l-għan u l-funzjonijiet tal-Bank, huwa meħtieġ li tkun ukoll aċċettata formalment mill-pajjiżi membri kollha u mill-istituzzjonijiet, inkluż mill-Komunità Ewropea.

(5) L-aċċettazzjoni ta' din l-emenda mill-Komunità Ewropea hija meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi tal-Komunità fil-qasam tal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-emenda għall-Ftehim li jistabbilixxi l-EBRD, meħtieġa biex tippermetti lill-Bank jiffinanzja operazzjonijiet fil-Mongolja, hija b'dan approvata f'isem il-Komunità.

It-test ta' l-emenda huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Gvernatur ta' l-EBRD li jirrappreżenta lill-Komunità Ewropea għandu jikkomunika lill-EBRD id-Dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni ta' din l-emenda.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. BRADSHAW

---

[1] Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Novembru 2005 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

## Emenda għall-Ftehim li Jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp

L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Għan**

Waqt li jikkontribwixxi għall-progress ekonomiku u r-rikostruzzjoni, l-għan tal-Bank għandu jkun it-trawwim tat-tranżizzjoni lejn ekonomiji orjentati lejn is-suq miftuħin u l-promozzjoni ta' inizjattiva privata u intraprenditorjali fil-pajjiżi Ewropej Ċentrali u tal-Lvant impenjati li japplikaw il-prinċipji ta' demokrazija b'ħafna partiti, il-pluraliżmu u l-ekonomija tas-suq. L-għan tal-bank jista' jitwettaq ukoll fil-Mongolja soġġett għall-istess kondizzjonijiet. Għaldaqstant, kwalunkwe referenza f'dan il-Ftehim u l-annessi tiegħu għal 'pajjiżi Ċentrali u tal-Lvant Ewropej', 'pajjiżi miċ-Ċentru u l-Lvant ta' l-Ewropa', 'pajjiż destinatarju (jew pajjiżi)' jew 'pajjiż membru destinatarju (jew pajjiżi)' għandha tirreferi għall-Mongolja wkoll."